# Ulied il-Qalb ta' Ġesù fiż-Żejtun (1908 – 2008)

*Kitba tal-Kan. Dun Joe Abela*



**Madre Tereża Nuzzo**

Il-Kongregazzjoni tas-Sorijiet "Ulied il-Qalb ta' Ġesù" ġiet imwaqqfa minn Madre M. Teresa Nuzzo fil-Hamrun fis-sena 1903. Mons. Pietru Pace, Isqof ta' Malta, kien l-ewwel benefattur kbir tagħhom. Fil-5 ta' Ġunju, 1903 tahom l-approvazzjoni f'isem il-Knisja. Il-Kariżma tagħhom tidher ċara fid-digriet ta' din l-approvazzjoni. Huma kellhom "Jgħallmu lil ulied il-poplu l-katekiżmu u xi xogħol ta' l-idejn." Dan jagħmluh fi spirtu ta' karità, b'umiltà u sempliċità. Fil-fatt mill-ewwel bdew jieħdu ħsieb ulied il-familji l-iżjed foqra. It-tmien reliġjużi tal-bidu għamlu talba lill-Isqof Pace nhar it-9 t'Awissu, 1903, fejn talbuh biex jagħtihom l-isem "Ulied il-Qalb ta' Ġesù". L-ewwel professjoni ta' dawn is-sorijiet saret fil-21 ta' Novembru ta' l-istess sena, data li nistgħu ngħidu timmarka t-twelid ta' din il-Kongregazzjoni.

Madre M. Teresa Nuzzo, il-Fundatriċi, bint Pawlu Nuzzo u Lwiża, imwielda Morrocchi, kienet twieldet nhar il-11 ta' Mejju 1851, fil-Belt Valletta Meta kellha 15-il sena kienet tat sehemha fit-tmexxija ta' skola li zijitha Rozina kienet waqqfet fil-Belt Valletta. Fis-sena 1867, Maria Teresa saret hi stess Direttriċi ta' din l-iskola, fejn l-għalliema kienu jissejħu "Maestre Pie ". Fl-1880 Maria Teresa, f'mument ta' kriżi wara l-mewt ta' missierha, riedet tingħalaq fil-monasteru tal-klawsura ta' Santa Skolastika, fil-Birgu, iżda l-isqof Pietro Pace wissieha li l-ħajja tal-klawsura ma kenitx tgħodd għaliha. Fl-1891, kuġinuha Enrico Nuzzo, ipproġetta opra soċjali ġdida fil-Ħamrun, imma kellu jistenna tmien snin biex jingħata l-permess meħtieġ.

Fl-1901 huwa talab lill-Isqof Pietro Pace li fil-proġett idaħħal lill-"Maestre Pie" ta' kuġintu. Is-sena ta' wara Maria Teresa tat bidu għal skola fl-Imsida. Kien fl-1903 meta, flimkien ma' xbejbiet oħra, waqqfet l-Istitut Nuzzo, il-Ħamrun meta hija diġà kellha 52 sena. . Hekk bdiet il-Kongregazzjoni "Ulied il-Qalb ta' Ġesù". Maria Teresa mexxiet bħala l-ewwel Superjura Ġenerali.

**9 ta' Ġunju 1908**

Ħames snin wara, jiġifieri nhar id-9 ta' Ġunju, 1908, ġiet inawgurata t-tieni dar ta' dawn ir-reliġjużi, fi Triq Sant' Anġlu, numru 7, iż-Żejtun. Mill-ewwel fetħu skola u orfanatrofju għat-tfal foqra. Dak li ma seħħx fid-dar ta' l-Imsida, li kienet għalqet sentejn qabel, għall-grazzja t'Alla beda jseħħ fiż-Żejtun. Mitt sena ilu, ż-Żejtun kien raħal mifrux ġmielu kif għadu sal-lum. Ħafna familji numerużi residenti f'din il-parroċċa kienu foqra , jiddependu kważi biss mix-xi ħaġa żgħira li jdaħħal il-missier.

"Ulied il-Qalb ta' Ġesù" sabu għalqa mifruxa ġmielha għalihom fejn setgħu iħaddmu l-kariżma tagħhom skond il-pjanijiet ta' Madre M. Teresa Nuzzo. Ngħidu mill-ewwel li għal żmien qasir kienu krew dar żgħira fi Triq Beland, qabel dik ta' Triq Sant' Anġlu, iżda fi Triq Beland, triq ġdida dak iż-żmien mhux biss ma damux ftit xhur, iżda bilkemm laħqu qabdu.

F'dak iż-żmien Madre M. Teresa Nuzzo nnifisha kienet responsabbli. L-ewwel offerta finanzjarja mogħtija speċifikament għad-dar taż-Żejtun saret f'Mejju 1908, eżattament ftit ġranet qabel il-ftuħ uffiċjali ta' Dar fi Triq Sant' Anġlu. Din l-offerta ta' £3 saret minn Mons.

Dun Roberto Caruana Gatto, li ma kienx Żejtuni. Iżda mill-Arċipriet taż-Żejtun, Dun Lawrenz Degabriele, dawn ir-Reliġjużi mill-ewwel sabu bniedem li għenhom mill-aħjar li seta'.

**Dun Lawrenz Degabriele**

Dun Lawrenz, min-naħa tiegħu benefattur kbir u ġeneruż għall-foqra Żwieten, ma setax ma jaqbilx mija fil-mija mal-kariżma ta' "Ulied il-Qalb ta' Ġesù". Kien biss sena iżgħar minn Madre M. Teresa Nuzzo. Ġie ordnat saċerdot fl-1876, is-sena li fiha kien miet Pawlu Nuzzo, missier Madre Teresa Nuzzo. Sewwa sew wara l-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu sar viċi kappillan fiż-Żejtun u baqa' msemmi għall-għajnuna siewja tiegħu li ta lill-moribondi milquta mill-kolera fis-sena 1887. Wara biss sentejn, Madre M. Teresa Nuzzo bdiet ħajja ta' ċaħdiet kbar fl-ikel u x-xorb.

Wara xi żmien kappillan ta' Ħal-Safi, Dun Lawrenz Degabriele inħatar Arċipriet taż-Żejtun fis-sena 1897. Kien żmien meta Enrico Nuzzo, kuġin ta' Maria Teresa Nuzzo, kien għadu jistenna biex jibda l-proġett ta' opra soċjali fil-Ħamrun. Dun Lawrenz kompla juri mħabba ntensa għall-foqra. Saħansitra, fl-Arkivju Parrokkjali iż-Żejtun jien skoprejt reġistru msejjaħ "Esito Poveri", mimli espressjonijiet li jindikaw il-ġenerożità tiegħu ma' dawn il-batuti.

**Aedes Danielis**

Fil-fatt il-veru ġrajjiet tal-kongregazzjoni ta' "Ulied il-Qalb ta' Ġesù" fiż-Żejtun, bdew mat-trasferiment minn Triq Beland għad-dar akbar ta' Numru 7, fi Triq Sant' Anġlu, fiż-Żejtun, s'intendi ukoll. Din it-triq ġiet hekk imsemmija għall-knisja ċkejkna, imsemmija għall-martri Karmelitan Sant' Anġlu li tinsab fil-bidu tagħha, u li hi propjeta' privata tal-familja Testaferrata Bonici. Kienet inbniet qabel il-knisja parrokkjali tal-lum mill-Ħakem Girgor Bonici, li kien jabita fil-palazz "Aedes Danielis" biswitha. Dan il-Ħakem kien benefattur kbir tal-knisja parrokkjali preżenti taż-Żejtun, u kien semma' din il-kappella għal Sant' Anġlu għad-devozzjoni li nibtet lejn dan il-qaddis meta hu kien rappreżentant tal-Kunsill Popular Malti f'Licata, Sqallija, fejn kellu r-responsabiltà li jibgħat il-qamħ għal Malta. Triq Sant' Anġlu, mitt sena ilu, kienet waħda mill-aktar toroq importanti u twal fiż-Żejtun, għaliex kienet u għadha twassal sa' l-inħawi ta' San Klement, fil-bidu tat-triq li tagħti, illum għall-Fgura, u dari għall-Kottonera, u allura kienet użata ħafna miż-Żwieten li kienu jaħdmu fit-tarzna.

**Madre Agata**

Id-dar okkupata mis-Sorijiet fi Triq Sant' Anġlu ġiet inawgurata nhar id-9 ta' Ġunju 1908, u mill-ewwel tqiegħdet taħt il-patroċinju ta' San Ġużepp. Il-fundatriċi, Madre M.Teresa Nuzzo kienet għażlitu bħala l-patrun li jħares il-Kongregazzjoni li kienet qed titwieled. L-ewwel superjura lokali fiż-Żejtun, magħżula



*Ġesù qal: Imqar jekk wieħed ikollu bir-radam, ħajtu ma tiddependix mill-ġid li jkollu.*

mill-Fundatriċi stess, kienet Sor Agata tat-Trinità Qaddisa. Hi kellha 27 sena, u kienet għadha fl-aħjar tagħha. Kienet twieldet fl-Isla u msemmija Karmela Pace. Hija għamlet il-vestizzjoni meta kienet qed toqrob l-età ta' 24 sena. Fl-20 ta' Novembru, 1906 bil-kunsens tal-Madre Ġenerali, ġiet aċċettata biex tagħmel l-ewwel Professjoni Reliġjuża Il-Professjoni Perpetwa tal-voti, kienet issir wara ħames snin. Fid-dar taż-Żejtun, Madre Agata mill-bidunett intefgħet fuq il-ħidma tat-tagħlim, li kien dejjem importanti f'din il-Kongregazzjoni.

### Id-dar fi Triq Sant'Anġlu

Peress li din id-dar illum m'għadhiex teżisti għaliex kienet twaqqgħet biex saret pjazza fil-bidu ta' Triq Sant' Anġ, jien irnexxieli niġbor xi tagħrif dwar din id-dar minn membru tal-familja li kienet toqgħod fiha qabel ma ġiet imwaqqa'. Din il-membru tal-familja Debono illum hi pjuttost anzjana u qed tgħix fid-dar ta' l-anzjani fiż-Żejtun stess. Hija qaltli li kienet dar spazjuża mhux ħażin, mibnija fuq żewġ sulari. Mal-ħajt ta' l-intrata kellha żewġ kmamar laterali. Wara l-kamra tan-naħa tal-lemin kien hemm taraġ li jagħti għat-tieni sular, u warajh kien hemm bitħa spazjuża.

Wara l-kamra laterali tax-xellug kien hemm żewġ kmamar oħra, kċina u garigor, li wkoll jagħti għal fuq. Fit-tieni sular, fuq in-naħa ta' barra, kien hemm sala kbira, mibnija fuq l-intrata u ż-żewġ kmamar laterali ta' l-ewwel sular. Minn din is-sala kont toħroġ f'gallerija fuq Triq Sant' Anġ. Fit-tieni sular kien hemm żewġ kmamar oħra tas-sodda.Propjetarju ta' din id-dar kien hemm wieħed jgħidulu ta' "Colombo"_

### L-Ewkaristija Mqaddsa

Minn mindu d-dar taż-Żejtun kienet twaqqgħet, il-benefattur kellu jagħti l-għajnuniet tiegħu direttament lis-Superjura Lokali. F'dak iż-żmien ta' faqar kull offerta swiet biex il-komunità u l-iskola jżommu fuq riġlejhom. L-ewwel offerta għad-dar taż-Żejtun daħlet fit-2 ta' Novembru 1908. Kif kienet għamlet għall-Ħamrun, il-Fundatriċi bagħtet talba lill-Papa Piju X biex ukoll fiż-Żejtun ikollhom il-fakultà li jżommu f'darhom is-sagrament. It-tweġiba kienet affermattiva, u għalhekk kamra diċenti fid-dar taż-Żejtun bdiet tintuża bħala kappella.

Seba' snin wara din il-fakultà ġiet imġedda għal seba' snin oħra. Fost il-benefatturi tad-dar lokali spiss jidher isem ċerta Maria Vella li kull sena kienet toffri £1 u nofs għall-ispejjeż taż-żejt quddiem SSmu. Sagrament. Minn April 1910, bdiet tiġi organizzata kull nhar ta' Ħamis siegħa Adorazzjoni fil-kappella. Kien Mons. Dun Roberto Caruana Gatto li ħallas is-somma ta' £4 biex tkopri l-ispiża ta' sentejn għal dak li kien jintefaq biex issir regolarment din l-Ora Santa f'din id-dar ta' San Ġużepp. Bdew jidhru ukoll l-ismijiet ta' qassisin Żwieten fost il-benefatturi.L-ewwelnett insemmu lill-Arċipriet Dun Lawrenz Degabriele.Jissemmew ukoll Dun Spiru Grixti, il-fundatur "tal-Juventutis Domus" fiż-Żejtun u Dun Ġużepp Busuttil. L-Isqof Pace kien joffri l-għajnuna finanzjarja tiegħu.

### Dar Nazzarenu Curmi

Sakemm kien possibbli għalihom il-qassisin taż-Żejtun kienu jieħdu ħsieb li s-sorijiet ma jħalluhomx neqsin mill-quddies fil-kappella tagħhom. Fl-ewwel snin din il-quddiesa kienet titqaddes kuljum.Fost dawn il-qassisin kien hemm Dun Nazzarenu Curmi, li kien joqgħod fl-istess triq, f'dar erba' passi 'l bogħod mid-Dar tas-sorijiet. Dun Nazzarenu kien iben is-sindku taż-Żejtun, Dr. Paolo Curmi.

Iżda fis-sena 1918, meta l-fundatriċi, Madre M.Teresa Nuzzo inzertat kienet fid-dar taż-Żejtun għal ftit xhur,Dun Nazzarenu kellu jħalli s-sorijiet meta mar ma' l-Arċisqof Caruana. Iżda hu baqa' ħafna viċin tagħhom fis-snin ta' wara, tant li meta fl-1920 huma marru fid-dar li għadha f'idejhom sal-lum fi Triq San Luċjan, hu kien spiss iżurhom. Infatti f' waħda mis-swali ta' din id-dar preżentement hemm ritratt tiegħu.

## Madre Nuzzo fiż-Żejtun

Meta s-sorijiet ma kienx ikollhom quddies fil-kappella tagħhom Madre M.Teresa Nuzzo kienet tmur tisma' l-quddies fil-knisja parrokkjali, li fl-aħħar mill-aħħar ma tantx kienet bogħod minn Triq Sant'Anġlu. Fil-fatt hi kitbet, "Kull filgħodu, jiena qed immur fil-parroċċa biex ma nibqax mingħajr ma nitqarben". Dak iż-żmien is-saċerdoti biss kellhom il-fakultà li jqarbnu. Għandna wkoll xhieda ħajja li l-Fundatriċi riedet li Ġesù Sagramentat ma jiġix abbandunat lanqas mit-tfal li jinġabru għall-iskola fid-djar tal-Kongregazzjoni.

## Il-Ħidma ta' l-ewwel sorijiet fiż-Żejtun

Ftit tal-ġimgħat ilu tkellimt mas-sinjura Ġeneroża Bonnici, membru tal-Museum fiż-Żejtun illum indaħħla fiż-żmien. Hija tatni xi tagħrif dwar il-ħidma tas-sorijiet "Ulied il-Qalb ta' Ġesù" meta kienu għadhom f'din l-ewwel dar tagħhom bejn is-snin 1908, u 1920. Dan it-tagħrif kien ingħata lilha minn ommha Ġużeppa Bonnici li meta kienet tifla kienet tattendi f'din id-Dar fi Triq Sant' Anġlu. Ġużeppa Bonnici kienet twieldet fis-sena 1900 u kienet toqgħod f'dar wara l-kappella ta' Santa Maria fir-Raħal ta' fuq, mhux il-bogħod minn Triq Sant' Anġlu.
Meta ġew is-sorijiet fiż-Żejtun, Ġużeppa kellha 8 snin, u meta marru fi Triq San Luċjan kellha 20 sena, etajiet li fihom kienet tiftakar sewwa l-ħidmiet ta' dawn ir-reliġjużi. Ġużeppa kienet spiss titkellem ma' bintha Ġeneroża, li għall-grazzja t'Alla illum għadha ħajja, dwar dak li hi kienet titgħallem għand dawn is-sorijiet. Ġeneroża saħansitra baqgħet tiftakar in-numru tad-dar 7, fi Triq Sant'Anġlu. Ommha kienet tgħidilha dwar il-Katekiżmu Nisrani li hi kienet titgħallem mingħand dawn is-sorijiet.

Forsi din Ġeneroża, li għaddiet ħajjitha membru tal-Musuem, irċeviet il-vokazzjoni tagħha li tgħallem id-Duttrina mill-kliem li ommha Ġużeppa kienet tgħidilha dwar dawn ir-reliġjużi. Iżda barra minn hekk, it-tfajla Ġużeppa Bonnici kienet ukoll tirċievi lezzjonijiet tal-bizzilla fid-dar fi Triq Sant' Anġlu. Mela s-sorijiet kienu wkoll jgħallmu s-snajja lit-tfajliet li kienu jattendu f'darhom. Ġużeppa ġieli kienet titkellem ma' bintha Ġeneroża dwar ċerta Suor Ġeltrude. Infatti dan l-isem mill-ewwel ġie f'moħħ Ġeneroża hi u titkellem miegħi u kienet hi li semmietli lil din is-soru, mingħajr ma jien staqsejtha dwarha. Din Sor Ġeltrude kienet tgħallem lil Ġużeppa Bonnici u bniet oħra. Ġieli rrakkontatilhom kif ġietha l-vokazzjoni. Fid-dar taż-Żejtun, snin wara, jiġifieri fis-sena 1922 Suor Geltrude, dak iż-żmien Madre Geltrude tas-Sagra Familja, laħqet Superjura Ġenerali tal-Kongregazzjoni. Il-Fundatriċi Madre M. Teresa Nuzzo mietet is-sena ta' wara,fl-1923.



*Id-dinja bil-għatx għall-IMĦABBA. Ma' ALLA għandna l-qawwa kollha biex infawwru d-dinja bl-IMĦABBA. Nibdew INĦOBBU lil KULĦADD ISSA u f'kull ħin.*